MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2003

Numru 827/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Dennis Theuma**
v

**ALI OMAR ATTAWEGER**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ALI OMAR ATTAWEGER** bin Omar Ali u Rgaiya nee Miegil, imwieled Jefren, Libya fl-erbatax ta' Mejju, 1968 u residenti 'Villa Pisani', Triq l-Imdina, Limiti ta' Balzan, detentur tal-karta tal-identita` numru 009994A gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-erbgha w ghoxrin ta' Lulju, 2001 gewwa l-lokalita` ta' Hal Balzan:

1. B'mezzi xort'ohra minn dawk specifikament imsemmija fil-kodici kriminali,

volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli specifikament karozza tat-tip Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni LCF 742 proprjeta` ta' Gloria Attweger liema hsara tammonta izjed minn hamsin lira Maltin izda inqas minn hames mitt lira Maltin.

2. Minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fil-gisem ta' Gloria Attweger hekk kif iccertifikat minn Doctor Louise Gatt tal-Mosta Health Centre.

3. Kiser volontarjament il-bon ordni u paci pubblika b'ghajjat u kliem hazin.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat hdax ta' Settembru, 2003 esebit fl-atti u mmarkat dokument CSH 3 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dana kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-Artikolu 370 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar it-tmintax ta' Novembru, 2003.

Semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux bzonn l-assistenza ta' avukat difensur u xtaq illi l-kawza titkompla.

Semghet lil Gloria Attaweger tiddikjara li hija mart l-imputat u ma xtaqitx tixhed f'dawn il-proceduri fil-konfront ta' zewgha l-imputat u konsegwentement irtirat l-kwerela taghha.

Il-Qorti rat illi ix-xhud principali tal-Prosekuzzjoni ma xtaqitx tiddeponi f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti qieset dak li jiddisponi l-artikolu 663 (2) u ghalhekk ezentat lil Gloria Attaweger milli taghti x-xhieda taghha.

Rat illi l-Prosekuzzjoni ma kellha l-ebda xhieda ohra in sostenn tal-akkuza taghha tal-ksur tal-bon ordni.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 325 (b), 221 (1) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tiddeciedi li ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------